# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 13 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1203/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Julian Busuttil

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erba' liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm104.53), rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mit-18 ta' April, 1998, sal-1 ta' Mejju, 1999.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra d-digriet tas-27 ta'Novembru, 2000, fejn it-Tribunal ordna l-kancellament tal-kawza.

Ra d-digriet tal-11 ta' Dicembru, 2000, fejn il-kawza regghet giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Jannar, 2001.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony J. Vella li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici.   Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erba' liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm104.53) bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR